MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Numru. 592/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)
vs
Ronald Galea, Mark Abela, Darren Spiteri, Laurence Muscat, Branton Barbara, Jason Caruana, Roderick Spiteri, Clayton Camilleri u Darren Grech

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija Clayton Camilleri u Roderick Spiteri, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli nhar it-18 ta' Lulju 2002 gewwa z-Zejtun ghall-habta ta' 16.00 hrs organizaw, hadu sehem fi glied jew geldu tjur jew annimali bi ksur tal-Artikolu 31 tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' piena, tiddisponi mill-annimali skond kif jidhrilha hi, u jigi applikat l-Artikolu 45 (1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Lulju, 2002 li permezz tieghu il-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Spiteri u Camilleri.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-18 ta’ Lulju 2002 il-pulizja irceviet telefonata anonima fis-sens illi fi Triq Luqa Briffa iz-Zejtun kien hemm xi nies illi kienu qeghdin igelldu is-sriedaq.  Kien hemm zewg telefonati, mill-ewwel telefonata ma irrizulta xejn, pero’ fit-tieni telefonata il-pulizija gew mgharfa illi l-glieda kienet qeghda issir go xi drive in.  Intbaghtu zewg pulizija li marru fuq il-post, sabu id-drive in, nizlu u u dak il-hin sabu madwar tletin persuna imdawrin ma xi sriedaq.  PS 994 Joseph Abela xehed illi huwa mar fuq il-post ukoll, mar f’din id-“drive in” u sab xi disgha persuni, peress illi l-ohrajn lahqu harbu.  Fuq il-post kien hemm disa’ sriedaq.  Il-pulizija sabu is-sidien ta’ hamsa minn dawn id-disa’ sriedaq, izda s-sidien ta’ l-erba’ sriedaq l-ohra il-pulizija ma sabuhomx.  Il-pulizija arrestaw lil dawn id-disa’ persuni, staqsewhom x’kienu qeghdin jaghmlu hemmhekk, izda huma kollha cahdu illi kienu qeghdin hemmhekk sabiex iggeldu s-sriedaq.  Ma irrizultax mill-investigazzjoni illi saret illi z-zewg imputati fuq imsemmija kellhom xi sriedaq.

Illi xehed ukoll PC 457 Jean Pierre Mifsud, illi wkoll mar fuq il-post wara t-telefonati anonimi u qal illi sabu disa’ persuni u xi ghaxar sriedaq.  Huwa xehed pero’ illi hadd

mill-imputati ma avvicinah biex jaghtih xi sriedaq lura Mistoqsi dwar iz-zewg imputati fuq imsemmija, is-Surgent wiegeb illi lil Clayton Camilleri ma kienx rah fuq il-post u effettivament ma gharfux fl-awla u lil Roderick Spiteri kien rah idur bir-rota. Huwa ftakar illi lil Roderick Spiteri qallu "Lilek rajtek bir-rota u mhux bis-sriedaq".

Illi xehed PC 1023 Andrew Bugeja, illi wkoll mar fuq il-post, u mistoqsi dwar iz-zewg imputati fuq imsemmija, qal illi dawn kienu fid-drive in, pero' kienu fic-cirku ta' barra ta' fejn kien hemm in-nies u mhux fic-cirku ta' gewwa. Huwa xehed illi dawn iz-zewg imputati fuq imsemmija kienu maqtughin mill-massa tan-nies.

Illi xehed ukoll PS 1386 Anthony Agius illi meta gie mistoqsi dwar iz-zewg imputati fuq imsemmija xehed illi ma ra l-ebda serduq f'idejhom, huwa ma tawh l-ebda serduq u allura huwa ma tahom l-ebda ircevuta ghaliex ovvjament ma kien ha xejn minghandhom.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti ma irrizultax illi xi hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni indika liz-zewg imputati fuq imsemmija bhala li kienu ko-partecipi f'dak illi allegatament kien qieghed isir fid-"drive in". Anzi, is-Surgent 457 xehed illi Clayton Camilleri ma kienx fuq il-post u illi lil Roderick Spiteri kien rah idur bir-rota.

Illi l-pulizija xehdu wkoll illi z-zewg imputati fuq imsemmija ma kellhom l-ebda serduq u huma ma elevaw l-ebda serduq minghandhom u ma tawhom l-ebda ircevuta u dana ghaliex ovvjament ma elevaw xejn minghandhom.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti, filwaqt illi tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-akkuzi fil-konfront taz-zewg imputati fuq imsemmija, tiddikjarahom mhux hatja u qeghda tilliberahom minn kull imputazzjoni htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------